**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 389/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit**

**Spettur Stephen Gulia)**

**vs.**

**Keith Cremona**

Illum it-13 ta' Lulju 2023

Il Qorti rat li tressaq b'arrest lil:

Keith Cremona ta' 34 sena, iben Francis u Therese nee' Attard, imwieled gewwa Pieta nhar l-23 ta' Novembru 1987, detentur tal-karta ta' l-identita' 530687M u residenti 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta

Akkuzat talli:

1. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs f'diversi nħawi f'dawn il-gzejjer, volontarjament għamel ħsara, jew għaraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, meta għamel ħsara fuq vettura ta' GVP

862 , li hija propjeta tal-Gvern ta' Malta u li sar għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u / jew Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i oħra u / jew entitajiet oħra.

2. Talli nhar 20 ta' Lulju 2022 għal ħabta ta' bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs ġewwa Triq Tat-Tromba fil-Marsa, b' nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila fl- arti jew professjoni tiegħu, jew b' nuqqas ta' tħaris tar- regolamenti tat-traffiku, ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq Manuel Decelis hekk kif iccertifikat minn Dr Edward Basile Cherubino.

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi soqt vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 bil- mutur, u b' nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tal- traffiku, hbatt mall- mutur bi numru tar- registrazzjoni BCO 105 u involontarjament ikkagunajt ħsara għad- dannu ta' Manuel Decelis

4. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq Dr. Giuzeppe Zammit ġewwa l-Marsa, soqt vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 bil- mutur, u b' nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tal- traffiku, hbatt mall- mutur bi numru tar-registrazzjoni CBZ 756 u involontarjament ikkagunajt ħsara għad-dannu ta' David Cassar u / jew persuni oħra.

5. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq is-Salib tal-Marsa ġewwa il-Marsa, soqt vettura Hyundai Lantra bin-numru ta'

reġistrazzjoni CAC 591 bil- mutur, u b' nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħek jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tal- traffiku, hbatt mall- mutur bi numru tar-registrazzjoni GGV 581 u involontarjament ikkagunajt ħsara għad-dannu ta' Edmund Camilleri u / jew persuni oħra.

6. Talli fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs f'diversi nħawi f'dawn il-gzejjer, soqt vettura bil- mutur tal- ghamla Hyundai bi numru tar-registrazzjoni CAC591 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

7. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi kont qed jsuq il- vettura bil-mutur bi numru ta- registrazzjoni CAC591 mingħajr ma kellek licenzja tas- sewqan mahruga mill- Awtorita ta' Transport ta' Malta.

8. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, soqt l- imsemmija vettura mingħajr ma kont kopert b'polza dwar ir-riskji ghat-terzi persuni.

9. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, waqt li kont qieghed issuq l-imsemmija vettura, u cioe Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 u kont involut f' accident ta' traffiku, inqast li tieqaf fuq il-post u meta kien mehtieg inqast li taghti il- partikolaritajiet tieghek u d-dettalji tal- vettura li kont issuq kif mitlub bil- ligi

10. Talli fi fl-20 ta' Lulju 2022 bejn 07:30Hrs u 07:45Hrs fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-Hamrun soqt vettura ta' għamla Hyundai Lantra bin-numru ta' reġistrazzjoni CAC 591 fi triq pubblika, liema triq pubblika, hija

mgħammra b'sinjali ta' dawl li jirregolaw it-traffiku tal-vetturi, u nqast li tieqaf meta s-sinjal kien qed jixghel fuq l-aħmar.

11. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, soqt l-imsemmija vettura u nqast li zzomm ma' naħa ta' xellug ta' triq jew inqast li tagħmel sinjal meta kont sejjer tbiddel id-direzzjoni.

12. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea, li huma ufficjali tal-Pulizija nkarigati minn servizz pubbliku,, jew ma ħallix jew fixkilhom waqt li kienu qieghdin jagħmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel

dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra.

14. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqst milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti Kriminali ta' Malta (Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D b'digriet datat 27 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ngħatajt l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

16. U aktar talli nhar il-10 ta' Lulju 2022 fit-11:00 hrs, naqas milli jidher fl-Ufficcju ta' l-Ispettur Mario Xiberras ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja nhar it-5 ta' Lulju 2022.

17. U aktar fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, datata 28 ta' Settembru 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

18. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 15H (*et sequitur*) tal-Kapitlu 65 tal-liġijiet ta' Malta u li l-immsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-21 ta' Lulju 2022 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat illi l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu skont l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzu (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) ta'

[1] Folio 23 ta' l-atti processwali
[2] Dok LZ, Folio 6 ta' l-atti processwali

l-ordni sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-21 ta' Lulju 2022 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[4]

Rat li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2022. Illi wara li l-Qorti laqghet it-talba, l-imputat *seduta stante* kien notifikat mill-gdid.[5]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar is-27 ta' Lulju 2022 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[6]

Rat li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet waqt l-udjenza ta1-11 ta' Ottubru 2022 u regghu gew esebiti mill-gdid kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji[7] kif ukoll Ordni ta' l-Avukat Generali skont is-subartikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta)[8]. Illi wara li l-Qorti laqghet it-talba, l-imputat *seduta stante* kien notifikat mill-gdid.[9]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-11 ta' Ottubru 2022 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[10]

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2023 l-imputat Keith Cremona irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet kollha dedotti kontrih,

---

[3] Dok LZ1, Folio 7 ta' l-atti processwali
[4] Folio 195 u 197 ta' l-atti processwali
[5] Folio 36 ta' l-atti processwali
[6] Folio 43 ta' l-atti processwali
[7] Dok LZX1, Folio 241 ta' l-atti processwali
[8] Dok LZX2, Folio 240 ta' l-atti processwali
[9] Folio 228 ta' l-atti processwali
[10] Folio 242 ta' l-atti processwali

liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[11]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2023.[12]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla

[11] Folio 297 ta' l-atti processwali
[12] Folio 566-567 ta' l-atti processwali

ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija aggornata sas-sena 2022[13]. Illi l-imputat ghandu fedina penali refrattarja ta' erbatx il-faccata (!) b'diversi reati kontra inkluz sentenzi registrati simili jew l-istess ghal dak li bihom gie imressaq. Jidher ukoll li l-imputat inghata diversi tipi ta' sentenzi inkluz dawk ta' prigunerija kif dawk li huma alternattiva ghal-habs sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Mandankollu minkejja li l-imputat ghad ghandu biss erba u tlettin sena (34) jidher li ghazel it-triq tal-kriminalita u ma irriformax ruhu jew tghallem mid-diversi sentenzi u opportunitajiet li nghata.

- L-imputat ibaghti minn vizzju serju tad-droga. Mir-rapport tal-ufficjal tal-probation li kienu qed isegwuh tul is-smiegh tal-kawza jirrizulta li l-imputat ma kienx qed juri motivazzjoni sabiex isegwi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni u dan minkejja l-gwida moghtija lilu mill-professjonisti li jsegwuh.[14] Illi dan gie ukoll ikkonfermat minn ufficjali tas-Sedqa li kienu ikkonferma li l-imputat ma kellux ir-rieda jiggieled u jirriforma mill-vizzju li kien hakmu.[15]

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Il-Qorti tosserva li din il-kawza bdiet mill-gdid u inqraw l-akkuzi lill-imputat tlett darbiet minhabba diversi talbiet tal-prosekuzzjoni ghal-korrezzjonijiet. Illi kull darba l-imputat irregistrat li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Illi wara li l-kawza regghet inbdiet mill-gdid wara t-tielet darba, l-

[13] Dok LZ3, Folio 9-22 ta' l-atti processwali
[14] Folio 207 u 622 ta' l-atti processwali
[15] Xhieda ta' Juan Vella, Sedqa, Folio 254-260 ta' l-atti processwali

imputat nhar is-16 ta' Jannar 2023 irregistrat l-ammissjoni tieghu. Illi mill-ewwel darba (21 ta' Lulju 2022) sa dakinhar kienu instemghu diversi xhieda u provi tal-prosekuzzjoni. B'hekk l-imputat irregistra ammisjsoni tieghu wara li kien diga mitlub tlett darbiet dwar il-htija tieghu o menu, wara li nstemghu l-maggioranza tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u wara li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur wara li kienet inbdiet il-kawza u nzammu numru konsiderevoli ta' seduti. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u certament qabel l-ghoti tas-sentenza finali, fattwalment, ma jistax jinghad li saret fl-iktar stadju bikri in vista tan-numru tas-seduti li nzammew u wara li giet appuntata ghal-smiegh kemm il-darba.

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[16], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[17], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[18] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[19]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti xorta dahhlet f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-ammissjoni ta' l-imputat saret qabel l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni u qabel il-Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja ruhha dwar il-fatti u mertu tal-kaz, tqis li din l-ammissjoni filwaqt li ma saritx fl-iktar stadju bikri, saret fi stadju avvanzat fil-provi tal-prosekuzzjoni.

---

[16] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[17] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[18] Thomson Reuteurs, S-29
[19] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Illi huwa car li l-imputat huwa ta' perikolu serju ghas-socjeta li halla l-vizzju tad-droga jeghlbu u tilef kull control f'hajtu u kull rispett ta' komportament ragjonevoli fis-socjeta.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 49, 50, 226(1)(b), 328(d), 338(ee), 579(1)(2)(3), 325(1)(b), 383, 384, 385 u 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, regolament 67(1) u 125(2)(a) tal-Ligi Sussidjara 65.11 (Vetturi bil-mutur), l-artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Kaptiolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet, l-artikolu 22(1)(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Keith Cremona fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u filwaqt li taghzel ukoll li titratta mieghu ghal ksur ta' l-Ordni tal-Probation tikkundannah prigunerija ta' **tlett (3)** snin habs kif ukoll multa kumplessiva ta' **elf u hames mitt Euro (€1,500)** li ghandhom jithallsu fiz-zmien massimu

skont il-ligi, kif ukoll tordna l-arrest tieghu mill-gdid u tordna li s-somma ta' **tmien telef Euro (€8,000)** msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet tas-27 ta' Gunju 2021 moghti mill-Qorti Kriminali, Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lis-skwalifika ta' l-imputat milli jkolli jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' hames snin mid-data tal-llum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska ta' arma li  kienet fil-pussesss tieghu bhala konsegwenza tal-piena ghal dak il-ksur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu  konfiskati  favur  il-Gvern,  u kull  oġġett  hekk konfiskat  għandu,  jekk  il-qorti  hekk  tordna,  jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdutfl-ordni.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa ghandu u ghaldaqstant  il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt **Ordni ta' Trattament** għal perjodu u ta' **tlett (3)** snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għallkondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot

lill-hati ghal perjodu ta' tlett snin (3) mid-data tar-remissjoni tas-sentenza taht penali ta' tlett elf euro (€3,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Manuel Decelis, David Cassar, Edmund Camilleri, PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1191 Jonathan Galea ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati ihallas fi zmien sitt xhur mill-llum is-somma ta' **sebat elef, tmien mija u tlieta u sittin Euro (€7,863)** rapprezentanti hsarat tal-vetturi u mutur ta' Manuel Decelis, David Cassar u Edmund Camilleri lis-sidien skont ir-rapport ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihalls l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Keith Cremona ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma kumplessiva ta' (**€7411.06**) rapprezentanti spejjez ta:

1. Tal-esperti ufficjali civili Alexia Pace u PC 2424 Abigail Grech fl-ammont ta' €1224.04.[20]
2. Tal-esperti ufficjali forensici PC 1525 Patrick Farrugia u PS 1561 Ian Farrugia fl-ammont ta' €366.63[21]

---

[20] Dok AGAP1 u Dok AGAP2, Folio 336-476 ta' l-atti processwali

3. Tal-espert Keith Cutajar fl-ammont ta' €2748.16[22]

4. Tal-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €316.70[23]

5. Tal-espert Mario Buttigieg fl-ammont ta' €2099.46[24]

6. Tal-espert Dr. Edward Basile Cherubino fl-ammont ta' €358.07[25]

7. Tal-espert spizjar Dr. Godwin Sammut fl-ammont ta' €298.00[26]

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-13 ta' Lulju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

---

[21] Dok PF1, Folio 318-332 ta' l-atti processwali
[22] Dok KC1 u Dok KC2, Folio 507-617 u 649-562 ta' l-atti processwali
[23] Dok MS1, Folio 580-591 ta' l-atti processwali
[24] Dok MB1, Folio 596-633 ta' l-atti processwali
[25] Dok EBC1, Folio 159-194 ta' l-atti processwali
[26] Dok GS1, Folio 93-101 ta' l-atti processwali

**Deputat Registratur**